Nru./No. 21,655
Prezz/Price
€3.24

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2026
Friday, 29th May, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 12,121 - 12,130
*Government Notices* ..... *12,121 - 12,130*

Avviżi tal-Pulizija ..... 12,130 - 12,136
*Police Notices* ..... *12,130 - 12,136*

Avviżi lill-Baħħara ..... 12,136 - 12,137
*Notices to Mariners* ..... *12,136 - 12,137*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 12,137 - 12,138
*Employment Opportunities* ..... *12,137 - 12,138*

Avviżi tal-Gvern ..... 12,139 - 12,165
*Notices* ..... *12,139 - 12,165*

Offerti ..... 12,165 - 12,167
*Tenders* ..... *12,165 - 12,167*

Avviżi tal-Qorti ..... 12,167 - 12,188
*Court Notices* ..... *12,167 - 12,188*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 815**

**ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA (KAP. 251)**

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29 (1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, ġie awtorizzat mill-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, ir-rikonoxximent tal-għotja ta' dawn l-unur mir-Repubblika Franċiża:

The Order of Palmes Académiques
Is-Sa Vicki Ann Cremona to the rank of Officer
Is-Sa Anne-Marie Bezzina to the rank of Chevalier
Is-Sa Marilyn Mallia to the rank of Chevalier

It-22 ta' April, 2026

**Nru. 816**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI TAL-PSIKOLOĠIJA (KAP. 471)**

**Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija f'Malta**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija, (Kap. 471), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, approva l-ħatra tal-persuni hawn taħt imsemmija fuq il-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija f'Malta, kif ġej:

*Membri*
Dr Kristina Bettenzana, B.Psy.(Melit.), M.Sc. (Nott.), Ph.D. (Nott.), D.Clin.Psy. (Nott.).
Dr Paul Daniel Micallef, B.A., D.Clin.Psych., C.Psychol., AFBPsyS
Is-Sa Jo Christine Scicluna, M. Psy., B.A. (Hons.) Psych, PGCE, Dip. in App. Sys. Proc., Cert. in Play Therapy

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mid-29 ta' Mejju, 2026.

Id-29 ta' Mejju, 2026

**Nru. 817**

**ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (Kap. 406)**

**Avviż skont l-Artikoli 58 u 73**

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 58(3) u l-artikolu 73(2) tal-Att tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud,

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 815**

**ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT (CAP. 251)**

IT is hereby notified that in accordance with Article 29 (1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the recognition of the conferment of the following honours by the French Republic:

The Order of Palmes Académiques
Mrs Vicki Ann Cremona to the rank of Officer
Mrs Anne-Marie Bezzina to the rank of Chevalier
Mrs Marilyn Mallia to the rank of Chevalier

22nd April, 2026

**No. 816**

**PSYCHOLOGY PROFESSION ACT (CAP. 471)**

**Malta Psychology Profession Board**

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 4 of the Psychology Profession Act (Cap .471), and for the purpose of that Act, the Minister for Social Policy and Children's Rights, has approved the appointment of the persons listed hereunder as members of the Malta Psychology Profession Board as follows:

*Members*
Dr Kristina Bettenzana, B.Psy.(Melit.), M.Sc. (Nott.) , Ph.D. (Nott.), D.Clin.Psy. (Nott.).
Dr Paul Daniel Micallef, B.A., D.Clin.Psych., C.Psychol., AFBPsyS
Ms Jo Christine Scicluna, M. Psy., B.A. (Hons) Psych, PGCE, Dip. in App. Sys. Proc., Cert. in Play Therapy

These appointments are for a period of two years with effect from 29th May, 2026.

29th May, 2026

**No. 817**

**VALUE ADDED TAX ACT (Cap. 406)**

**Notice in terms of Articles 58 and 73**

IN terms of the proviso to Article 58(3) and Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner

il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana qiegħed hawnhekk jinnotifika lill-persuna/i mniżżla hawn taħt li ħareġ avviż fir-rigward tagħhom għal ħlas ta' taxxa, penali u interessi skont l-Arikolu 59 tal-Kap. 406.

for Tax and Customs is hereby notifying the person/s listed hereunder that a demand notice for payment of tax, penalties and interest as per Article 59 of Cap. 406 has been issued in their regard.

| *Numru tal-VAT* | *Tax Payer* |
|---|---|
| 2434-0717 | Gabriel Rosetti |
| 2220-0412 | W.I.S.Services Limited |
| 2583-0727 | Vedra Innovation Office Limited |
| 2170-0204 | Royal Medical Ltd |
| 2497-2408 | Get EnergySolutions Ltd |
| 2550-2221 | TBD Ltd Liquidator Anataole Baladacchino |
| 2033-1422 | Vijay Sharma & Renu Bala Sharma |
| 2033-1422 | Renu Bala Sharma |
| 2033-1422 | Sharma Vijay |
| 1850-8329 | Natalie Keriss Mauricea Pottinger |
| 2481-8536 | Quattro Trading And Distribution Limited |
| 1788-9635 | Marlett Sia |
| 2164-2732 | Malta Football Camp Limited |
| 2164-2732 | Kai Risholt |
| 1795-0702 | Gino Bruno Gauci |
| 2485-1308 | Vedat Alp Aytug Kolankaya |
| 2366-7835 | Leone Camilleri |
| 1625-0401 | Mark Nayor |
| 2295-7609 | FZ Services Limited |
| 2310-3609 | Ivan Moscato |
| 2438-2127 | Tamraparni Services Limited |
| 2438-2127 | Nahed M Ali Shubar |
| 2438-2127 | Mohammed Khalooq Idroos Munsoor |
| 2438-2127 | Nabeela Khalooq Munsoor |
| 2085-4337 | Michael Bonello |
| 2085-4337 | Alan Bonnici |
| 2277-9318 | iUniforms Co. Ltd |
| 2277-9318 | Valentina Sampugna |
| 1377-3911 | Thomas Aquilina |
| 2423-8703 | Ammar M.Soltan |
| 2114-4618 | Karl Erik Froman |
| 2554-0701 | D.U.M Project Ltd |
| 2306-8516 | Widar Mikael Nord |
| 1832-8637 | Kamen I.Lazarov & Indzhov Velislav |
| 1832-8637 | Indzhov Velislav |
| 2563-6236 | DQR-OTC Ltd |
| 2563-6236 | Kristian Willard Haehndel |
| 2351-0110 | DL Contractors Co Ltd |
| 2351-0110 | Lyubomir Dimitrov Dzhingarov |

| *VAT Number* | *Tax Payer* |
|---|---|
| 2434-0717 | Gabriel Rosetti |
| 2220-0412 | W.I.S.Services Limited |
| 2583-0727 | Vedra Innovation Office Limited |
| 2170-0204 | Royal Medical Ltd |
| 2497-2408 | Get EnergySolutions Ltd |
| 2550-2221 | TBD Ltd Liquidator Anataole Baladacchino |
| 2033-1422 | Vijay Sharma & Renu Bala Sharma |
| 2033-1422 | Renu Bala Sharma |
| 2033-1422 | Sharma Vijay |
| 1850-8329 | Natalie Keriss Mauricea Pottinger |
| 2481-8536 | Quattro Trading And Distribution Limited |
| 1788-9635 | Marlett Sia |
| 2164-2732 | Malta Football Camp Limited |
| 2164-2732 | Kai Risholt |
| 1795-0702 | Gino Bruno Gauci |
| 2485-1308 | Vedat Alp Aytug Kolankaya |
| 2366-7835 | Leone Camilleri |
| 1625-0401 | Mark Nayor |
| 2295-7609 | FZ Services Limited |
| 2310-3609 | Ivan Moscato |
| 2438-2127 | Tamraparni Services Limited |
| 2438-2127 | Nahed M Ali Shubar |
| 2438-2127 | Mohammed Khalooq Idroos Munsoor |
| 2438-2127 | Nabeela Khalooq Munsoor |
| 2085-4337 | Michael Bonello |
| 2085-4337 | Alan Bonnici |
| 2277-9318 | iUniforms Co. Ltd |
| 2277-9318 | Valentina Sampugna |
| 1377-3911 | Thomas Aquilina |
| 2423-8703 | Ammar M.Soltan |
| 2114-4618 | Karl Erik Froman |
| 2554-0701 | D.U.M Project Ltd |
| 2306-8516 | Widar Mikael Nord |
| 1832-8637 | Kamen I. Lazarov & Indzhov Velislav |
| 1832-8637 | Indzhov Velislav |
| 2563-6236 | DQR-OTC Ltd |
| 2563-6236 | Kristian Willard Haehndel |
| 2351-0110 | DL Contractors Co Ltd |
| 2351-0110 | Lyubomir Dimitrov Dzhingarov |

| | |
|---|---|
| 2164-2823 | Maxime Jean Robert Rocacher |
| 1974-2825 | S.C.I. Consultants Limited |
| 1900-7909 | Aquazone Limited |
| 2371-4413 | White Bird International Limited |
| 2033-1112 | Stars of the World Ltd |
| 2108-1529 | MIM international Ltd |
| 2278-1301 | Medoil Petroleum Services Ltd |
| 1907-9827 | Cogent Trading International Ltd |
| 2171-1317 | 3A Plus International Ltd |
| 2425-1708 | Business & Trading Consulting Ltd |
| 1817-4336 | Michael Bonello |
| 1817-4336 | Gordon Valentino |
| 2213-2236 | Tellef Igland |
| 2541-7709 | Boss Marketing Limited |
| 2541-7709 | Sedef Unal |
| 2541-7709 | Cem Ozdemir |
| 2199-8924 | David Wain |
| 1944-6009 | Franck David Gubbay |
| 1944-6137 | Zhang Zhidi |
| 2057-9921 | P & B Trading Ltd |
| 1684-5406 | Gamal Mohammed Abdelfattah |
| 2372-3505 | Robert Edwin Altinger |

Jekk il-ħlas ma jsirx fi żmien 30 jum mid-data ta' din in-notifika, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana se jipproċedi biex jinforza l-ħlas skont il-liġi.

Kopji tal-imsemmija avviż jistgħu jinġabru mis-Sezzjoni tal-Ġbir, KTD, Blk 5, Il-Furjana.

Id-29 ta' Mejju, 2026


| | |
|---|---|
| 2164-2823 | Maxime Jean Robert Rocacher |
| 1974-2825 | S.C.I. Consultants Limited |
| 1900-7909 | Aquazone Limited |
| 2371-4413 | White Bird International Limited |
| 2033-1112 | Stars of the World Ltd |
| 2108-1529 | MIM international Ltd |
| 2278-1301 | Medoil Petroleum Services Ltd |
| 1907-9827 | Cogent Trading International Ltd |
| 2171-1317 | 3A Plus International Ltd |
| 2425-1708 | Business & Trading Consulting Ltd |
| 1817-4336 | Michael Bonello |
| 1817-4336 | Gordon Valentino |
| 2213-2236 | Tellef Igland |
| 2541-7709 | Boss Marketing Limited |
| 2541-7709 | Sedef Unal |
| 2541-7709 | Cem Ozdemir |
| 2199-8924 | David Wain |
| 1944-6009 | Franck David Gubbay |
| 1944-6137 | Zhang Zhidi |
| 2057-9921 | P & B Trading Ltd |
| 1684-5406 | Gamal Mohammed Abdelfattah |
| 2372-3505 | Robert Edwin Altinger |


Unless payment is effected within 30 days from the date of this notice, the Commissioner for Tax and Customs will proceed to enforce payment in terms of law.

Copies of said notices may be collected from the Collection Section, MTCA, Blk 5, Floriana.

29th May, 2026

**Nru. 818**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur<br>Gramma<br>*Pure Gold*<br>*Grams* | Fidda Pura<br>Gramma<br>*Pure Silver*<br>*Grams* |
|---|---|---|
| 29.5.2026 | €122.496 | €2.050 |

Id-29 ta' Mejju, 2026

**No. 818**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

29th May, 2026

**Nru. 819**

## AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA

### Noti ta' Spjegazzjoni[1]

### Emendi għar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi u r-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri

**1. Introduzzjoni**

Permezz tar-regolamenti emendatorji, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ("Transport Malta") qiegħda temenda r-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi. (L.S. 499.68), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti tal-LPTV", kif ukoll ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti tal-PTS". Dawn l-emendi flimkien jiffurmaw riforma komprensiva tal-qafas regolatorju li jirregola s-servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri f'Malta.

**2. Taqsira u l-isfond**

Ir-raġuni wara dawn l-emendi hija li tiġi riformata l-qafas tas-servizzi tal-ġarr tal-passiġġieri b'vetturi żgħar taħt ir-regolamenti tal-LPTV, li jindirizzaw nuqqasijiet fis-suq inkluż in-nuqqas ta' kundizzjonijiet ugwali bejn operaturi, differenzjazzjoni insuffiċjenti bejn tipi ta' operaturi, regolamentazzjoni inadegwata tal-pjattaformi ta' prenotazzjoni intermedjarji, u l-konġestjoni tat-traffiku urban. Emendi paralleli għar-regolamenti tal-PTS jintroduċu ġestjoni aħjar tal-parkeġġ u infurzar aktar b'saħħtu.

Il-liġi proposta għandha l-għan li tikseb:

(a) struttura ta' liċenzjar f'livelli (LPTV1, LPTV2, u SOV);

(b) obbligi ġodda fuq pjattaformi ta' prenotazzjoni intermedjarji inkluż integrazzjoni tal-API, diliġenza dovuta, u verifika tal-wiċċ tax-xufier;

(ċ) protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol u standards ta' impjieg ġusti;

(d) rekwiżit ta' esperjenza minima ta' sentejn (2) għax-xufiera;

(e) regoli ta' parkeġġ fit-triq u ammendi gradwali; u

(f) rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-utenti tas-siġġijiet tar-roti għall-operaturi tal-LPTV2.

**3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrumenti**

Ir-regolamenti li jemendaw ir-regolamenti tal-LPTV huma magħmula minn disgħa u għoxrin (29)-il regolament. Ir-regolamenti li jemendaw ir-regolamenti tal-PTS huma magħmula minn seba' (7) regolamenti.

**4. Kummentarju**

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (hawn aktar 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa r-"regolamenti prinċipali").

Ir-regolamenti 5 u 6 tar-regolamenti emendatorji (li jemendaw ir-regolament 5 u 6 tar-regolamenti prinċipali) jintroduċu struttura ta' liċenzjar ta' operatur f'livelli differenti li tinkludi tliet (3) kategoriji: il-liċenzja LPTV1 (għal operaturi ta' sa erba' (4) vetturi żgħar), il-liċenzja LPTV2 (għal operaturi ta' ħames (5) vetturi żgħar jew aktar), u l-liċenzja SOV (għal operaturi ta' vetturi għal okkażjonijiet speċjali). Għall-liċenzji LPTV2 u SOV, il-liċenzja għandha tinħareġ f'isem persuna

[1]Dawn in-Noti Spjegattivi huma skont u għall-iskop tal-artikolu 3(2)(c) tal-Att tan-Negozji Żgħar (Kapitlu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

fiżika awtorizzata biex tirrappreżenta l-intrapriża, u l-ebda persuna fiżika jew sid benefiċjarju ma jista' jkollhom interess f'aktar minn intrapriża waħda liċenzjata. Ċertifikat ta' konformità minn Jobsplus huwa meħtieġ għal kull tip ta' liċenzja, u d-dokumenti ta' tiġdid għandhom jiġu sottomessi fi żmien tliet (3)xhur mill-ħruġ tagħhom. Ir-regolament 6 jagħmel bidliet konsegwenti għad-dispożizzjonijiet tat-tiġdid biex jirriflettu l-qafas il-ġdid ta' liċenzji multipli.

Ir-regolament 7 tar-regolamenti emendatorji (li jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali) jirregola l-applikazzjonijiet LPTV1. Ir-regolamenti ġodda 7A–7Ċ introdotti bir-regolament 8 jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-applikazzjonijiet LPTV2 u SOV, inklużi ċertifikat tal-kondotta, dikjarazzjoni ta' użu esklussiv ta' garaxx sostnuta minn rapport ta' perit, ċertifikati ta' konformità tat-taxxa, u dikjarazzjoni ta' pożizzjoni finanzjarja tajba. Applikanti SOV b'erba' (4) vetturi jew inqas huma eżentati mill-prova ta' permess ta' garaxx. Il-ħruġ ta' liċenzja SOV awtomatikament jipprevjeni lill-operatur milli jirreġistra vetturi fuq kwalunkwe pjattaforma ta' prenotazzjoni intermedjarja.

Ir-regolament 11 tar-regolamenti emendatorji (li jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali) jestendi l-limitu tal-parkeġġ fit-triq għal sagħtejn (2) għal vetturi LPTV1/LPTV2 bejn il-05:01AM u s-16:59PM, u jimponi distanza minima ta' 100 metru mill-postijiet tat-taxi għall-SOV. Ir-regolament 12 tar-regolamenti emendatorji (li jemenda r-regolament 37 tar-regolamenti prinċipali) jobbliga lill-operaturi LPTV2 b'aktar minn tletin (30) vettura sabiex iżommu mill-inqas vettura aċċessibbli waħda għal kull ħamsin (50) vettura żgħira fil-flotta tagħha.

Ir-regolament 13 tar-regolamenti emendatorji jintroduċi, permezz tar-regolament il-ġdid 37A fir-regolamenti prinċipali, obbligi minimi ta' mistrieħ , inklużi:

(a) perjodu ta' mistrieħ ta' tmien (8) sigħat bejn perjodi kontinwi ta' sewqan imħallas;

(b) massimu ta' tnax-il (12) siegħa konsekuttiva ta' sewqan imħallas kontinwu;

(ċ) waqfa ta' tletin (30) minuta għal kull sitt (6) sigħat ta' sewqan; u

(d) perjodu wieħed ta' mistrieħ fil-ġimgħa ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa konsekuttiva.

Ir-regolament 14 tar-regolamenti emendatorji (li jemenda r-regolament 40 tar-regolamenti prinċipali) jeħtieġ esperjenza minima ta' sentejn (2) ta' sewqan b'mhux aktar minn sitt (6) punti ta' penali matul dak il-perjodu ta' żmien.

Ir-regolament 17 tar-regolamenti emendatorji (li jemenda r-regolament 57 tar-regolamenti prinċipali) jeħtieġ li x-xufiera kollha jkunu rreġistrati fit-Taqsima III tar-Reġistru u tagħti s-setgħa lill-Awtorità biex tissospendi liċenzja ta' operatur meta jkun hemm suspett raġonevoli ta' impjieg illegali.

Ir-regolament 21 tar-regolamenti emendatorji jintroduċi, permezz tar-regolament il-ġdid 66A fir-regolamenti prinċipali, obbligi għall-pjattaformi ta' prenotazzjoni intermedjarji, inklużi:

(a) għall-integrazzjoni tal-API mas-sistema ta' monitoraġġ tal-Awtorità;

(b) diliġenza dovuta aktar saħħitha fuq l-operaturi u x-xufiera;

(ċ) verifika annwali ta' dokumentazzjoni;

(d) projbizzjoni fuq ir-reġistrazzjoni ta' detenturi ta' liċenzji SOV jew tat-taxi;

(e) trasferiment tad-data fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa fuq talba mill-Awtorità;

(f) il-verifika tal-wiċċ tax-xufier fl-ewwel login ta' kuljum u perjodikament wara;

(g) ratio strett ta' vettura għal xufier ta' wieħed għal wieħed (1:1) soġġett għal penali amministrattiva ta' €1,200 fix-xahar għal kull vettura żejda; u

(h) li jipprovdu lis-sewwieqa tal-LPTV1 informazzjoni sħiħa dwar id-destinazzjoni u l-prezzijiet tal-vjaġġ qabel l-aċċettazzjoni tax-xufier.

Ir-regolament 22 tal-regolamenti emendatorji (li jemenda r-regolament 67 tar-regolamenti prinċipali) jikklasifika li l-ksur tar-regolamenti 58(1) u 37A bħala reati kriminali n'pieni li jiżdiedu (€200 għat-tieni reat; €1,000, sospensjoni ta' 12-il xahar, u 50 punti ta' penali għat-tielet). Kwalunkwe xufier li jaqbeż il-limitu ta' alkoħol (żero) għandha tiġi sospiża t-tag tiegħu minnufih.

Is-Seba' Skeda l-ġdida tintroduċi dritt annwali ta' awtorizzazzjoni bbażata fuq il-firxa ta' vjaġġi vjaġġati mill-vetturi kollha tas-servizz ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar attivament reġistrati u li joperaw fuq is-servizz ta' pjattaforma intermedjarja.

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (hawn aktar 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa r-"regolamenti prinċipali")

Ir-regolament 3 tar-regolamenti emendatorji li jemenda r-regolament 62 tar-regolamenti prinċipali jirrikjedi li l-vetturi jkunu iggaraxxjati meta ma jkunux qed jintużaw, b'eċċezzjonijiet:

(a) vetturi M2 jistgħu jipparkjaw fit-triq sa 60 minuta (3 sigħat bejn 05:01AM u 16:59PM) bid-diska murija;

(b) vetturi M3 iridu jipparkjaw mill-inqas 15-il metru mill-aħħar bini residenzjali.

Nuqqas ta' wiri tad-diska għandu jirriżulta f'ammenda ta' mhux inqas minn €500. Ir-regolament 4 li jemenda r-regolament 108 tar-regolamenti prinċipali jintroduċi preskrizzjoni ta' sentejn (2) u jipprojbixxi t-tiġdid tal-liċenzja b'penalitajiet pendenti. L-Iskedi l-ġodda jistabbilixxu ammendi gradwali (€100–€500) u l-ispeċifikazzjonijiet tad-diska.

**5. Sezzjonijiet konklużivi**

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Għal aktar informazzjoni jew kjarifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jekk jogħġbok irreferi l-mistoqsijiet tiegħek lil Transport Malta permezz ta' email fuq info.tm@transport.gov.mt.

**N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.**

Id-29 ta' Mejju, 2026

**No. 819**

**AUTHORITY FOR TRANSPORT IN MALTA**

**Explanatory Notes[1]**

**Amendments to the Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services Regulations and the Passenger Transport Services Regulations**

**1. Introduction**

By means of the amending regulations, the Authority for Transport in Malta ("Transport Malta") is amending the Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services Regulations (S.L. 499.68), hereinafter referred to as "the LPTV regulations", as well as the Passenger Transport Services Regulations (S.L. 499.56), hereinafter referred to as "the PTS regulations". These amendments collectively constitute a comprehensive reform of the regulatory framework governing light passenger transport services in Malta.

**2. Summary and background**

The rationale behind these amendments is to comprehensively reform the light passenger transport services framework under the LPTV regulations, addressing market deficiencies including the lack of a level playing field between operators,

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

inadequate differentiation between operator types, inadequate regulation of intermediary booking platforms, and urban traffic congestion. Parallel amendments to the PTS regulations introduce enhanced parking management and strengthened enforcement.

The proposed legislation intends to achieve:

(a) a tiered operator licensing structure (LPTV1, LPTV2, and SOV licences);

(b) new obligations on intermediary booking platforms including API integration, due diligence, and face recognition driver verification;

(c) protection of worker rights and fair employment standards;

(d) a two (2) year minimum driving experience requirement;

(e) on-street parking rules and tiered fines; and

(f) wheelchair accessibility requirements for LPTV2 operators.

**3. Overview of the structure of the instruments**

The amending regulations to the Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services Regulations are made up of twenty-nine(29) regulations. The amending regulations to the Passenger Transport Services Regulations are made up of seven (7) regulations.

**4. Commentary**

Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services (Amendment) Regulations, 2026 (hereinafter in this Part referred to as the "principal regulations")

Regulations 5 and 6 of the amending regulations (amending regulations 5 and 6 of the principal regulations) introduce a tiered operator licensing structure comprising three (3) categories: the LPTV1 licence (for operators of up to four (4) light passenger transport vehicles), the LPTV2 licence (for operators of five (5) or more light passenger transport vehicles), and the SOV licence (for operators of vehicles for special occasions). For LPTV2 and SOV licences, the licence shall be issued in the name of a natural person authorised to represent the undertaking, and no natural person or beneficial owner may hold an interest in more than one licenced undertaking. A Jobsplus compliance certificate is required for all licence types, and renewal documents shall be submitted within three (3) months of their issuance. Regulation 6 makes consequential amendments to the renewal provisions to reflect the new multiple licence framework.

Regulation 7 of the amending regulations (amending regulation 7 of the principal regulations) governs LPTV1 applications. New regulations 7A–7C introduced by regulation 8 set out LPTV2 and SOV application requirements, including a conduct certificate, declaration of exclusive garage use supported by a perit's report, tax compliance certificates, and a declaration of good financial standing. SOV applicants with four (4) or fewer vehicles are exempt from the garage permit requirement. The issuance of an SOV licence automatically precludes the operator from registering vehicles on any intermediary booking platform.

Regulation 11 of the amending regulations (amending regulation 17 of the principal regulations) extends the on-street parking limit to two (2) hours for LPTV1/LPTV2 vehicles between 05:01AM and 16:59PM, and imposes a 100-metre minimum distance from taxi ranks for SOV. Regulation 12 of the amending regulations (amending regulation 37 of the principal regulations) obliges LPTV2 operators with more than thirty (30) vehicles to maintain at least one accessible vehicle per fifty (50) light vehicles in their fleet.

Regulation 13 of the amending regulations introduces, by means of the new regulation 37A in the principal regulations, minimum rest obligations, including:

(a) an eight (8) hour rest period between continuous periods of paid driving;

(b) a maximum of twelve (12) consecutive hours of continuous paid driving;,

(c) a thirty (30) minute break every six (6) hours of driving; and

(d) one weekly rest period of twenty-four (24) consecutive hours.

Regulation 14 of the amending regulations (amending regulation 40 of the principal regulations) requires a two (2) year minimum driving experience with no more than six (6) penalty points during that time period.

Regulation 17 of the amending regulations (amending regulation 57 of the principal regulations) requires all drivers to be registered in Part III of the Register and empowers the Authority to suspend an operator's licence upon reasonable suspicion of unlawful employment.

Regulation 21 of the amending regulations introduces, by means of the new regulation 66A of the principal regulations, obligations for intermediary booking platforms including:

(a) API integration with the Authority's monitoring system;

(b) stronger due diligence on operators and drivers;

(c) annual documentation verification;

(d) prohibition on registering SOV or taxi licence holders;

(e) twenty-four (24) hour data transfer upon request by the Authority;

(f) face recognition driver verification at first daily log-in and periodically thereafter;

(g) a strict one to one (1:1) ratio subject to an administrative penalty of €1,200/month fee per excess vehicle; and

(h) to provide LPTV1 drivers with full destination and trip pricing information prior to driver acceptance.

Regulation 22 of the amending regulations (amending regulation 67 of the principal regulations) classifies breaches of regulations 58(1) and 37A as criminal offences with escalating penalties (€200 for a second offence; €1,000, a twelve (12) month suspension, and 50 penalty points for a third). Any driver exceeding the zero-alcohol limit shall have their tag suspended forthwith.

The new Seventh Schedule introduces an annual authorisation fee based on the range of trips made by all light passenger transport service vehicles actively registered and operating on the intermediary booking platform service.

Passenger Transport Services (Amendment) Regulations, 2026 (hereinafter in this Part referred to as the "principal regulations")

Regulation 3 which amends regulation requires all passenger transport vehicles to be garaged when not in use, with exceptions:

(a) M2 vehicles may park on-street for up to 60 minutes (3 hours between 05:01AM and 16:59PM) with the disc displayed;

(b) M3 vehicles shall park at least 15 metres from the last residential building. Failure to display the disc shall result in a fine of not less than €500. Regulation 4 which amends regulation 108 of the principal regulations introduces a two (2) year limitation period for penalty collection and bars licence renewal with outstanding penalties. The new Schedules establish tiered fines (€100–€500), and parking disc specifications.

**5. Concluding sections**

These regulations shall come into force within two (2) months from their publication in the Government Gazette.

For more information or clarification on the implementation of these regulations, kindly refer your queries to Transport Malta via email on info.tm@transport.gov.mt.

**N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.**

29th May, 2026

**Nru. 820**

**AĠENZIJA DWAR L-ENERĠIJA U L-ILMA**

**Skema għas-Sostenn tal-Effiċjenza fl-Enerġija u l-Ilma fi ħdan Organizzazzjonijiet Volontarji**

B'REFERENZA għall-Iskema, kif stabbilit bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 468 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Mejju, 2022 u l-emendi sussegwenti, ngħarrfu illi n-Notifikazzjoni tal-Gvern qed tiġi emendata kif ġej:

F'Sezzjoni 1, id-definizzjoni ta 'Bini' ser tinbidel b'dan il-kliem:

*'Bini' tfisser il-proprjetà immobbli li fiha jew fuqha għandhom jitwettqu l-interventi li għalihom qed jintalab finanzjament skont din l-Iskema, liema proprjetà immobbli għandha tintuża kif suppost mill-Applikant biex jissodisfa l-għanijiet li għalihom tkun ġiet stabbilita l-VO u li trid taqa' taħt wieħed mill-kriterji kif stipulat fit-Taqsima 3 tar-Regoli tal-Skema murija fl-iskeda 1 ta' dan l-Avviz tal-Gvern.'*

F'sezzjoni 2, għandu jizdied punt addizjonali numru 5 fl-aħħar li jgħid:

*'Tagħmir relatat ma' Transport'*

F' sezzjoni 5, l-ewwel paragrafu jiġi mibdul b'dan il-kliem:

*'Għandha tinħareġ konferma tal-wasla tal-Applikazzjonijiet skont il-proċedura msemmija fit-Taqsima 2 tar-Regoli tal-Iskema murija fl-Iskeda I ta' dan l-Avviż tal-Gvern. Il-ħruġ ta' tali konferma m'għandux jiġi interpretat bħala konferma tal-eliġibbiltà jew l-approvazzjoni. Applikazzjoni valida li fiha d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa kif stipulat fit-Taqsima 9 tar-Regoli tal-Iskema murija fl-Iskeda I ta' dan l-Avviż tal-Gvern. L-applikazzjonijiet se jiġu vvalutati permezz ta' proċedura kif deskritt fl-istess taqsima tar-Regoli tal-Iskema.'*

B'dan l-avviz qed jiġi nnotifikat ukoll li qed tinħareġ Sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet taħt din l-Iskema.

L-applikazzjonijiet għal din is-Sejħa bħalissa jistgħu jiġu aċċettati b'mod validu, permezz tas-sit online tal-Aġenzija.

L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi biss fuq is-sistema ta' applikazzjonijiet online, aċċessibbli mill-ħolqa murija fi Skeda II. Dawn **l-Applikazzjonijiet se jiġu rikonoxxuti, ipproċessati u kklassifikati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, soġġett għad-disponibbiltà kontinwa tal-fondi.**

**No. 820**

**ENERGY AND WATER AGENCY**

**Scheme to Sustain Energy and Water Efficiency within Voluntary Organisations**

WITH reference to the Scheme, as established by Government Notice No. 468 published in the Government Gazette of 3rd May, 2022 and subsequent amendments, it is being notified that the Government Notice is hereby amended as follows:

In Section 1, the definition of 'Premises' is to be replaced by the following text:

*'Premises' means the immovable property in or upon which the interventions for which funding is sought under this Scheme are to be carried out, which immovable properly shall be used by the Applicant for the fulfilment of the purposes for which the VO was set up and which must fall under one of the criteria as laid out in Section 3 of the Scheme Rules shown in Schedule I to this Government Notice.*

In Section 2, an additional point 5 is to be added in the end that states:

*Transport related equipment.*

In Section 5, the first paragraph is replaced with the following text:

*An acknowledgment will be issued for the receipt of Applications as per procedure mentioned in Section 2 of the Scheme Rules shown in Schedule I to this Government Notice. The issuance of such acknowledgment shall not be construed as confirmation of eligibility or approval. A valid application which contains all necessary documentation as laid out in Section 9 of the Scheme Rules shown in Schedule I to this Government Notice. Applications will be assessed though a procedure as outlined in same section of the Scheme Rules.*

It is hereby also being notified that a new Call for applications is being issued under this Scheme.

Applications for this Call may currently be validly received via the Agency's online portal.

Applications may only be submitted through the online application system accessible through the link provided in Schedule II. Such **applications will be acknowledged, processed and ranked on a first come first served basis, subject to continued availability of funds.**

**Is-sistema ta' applikazzjonijiet online se toħloq lista tas-sottomissjonijiet u tieqaf taċċetta iktar applikazzjonijiet meta l-fondi għal din is-Sejħa jiġu allokati proviżorjament, suġġett għall-verifika u għall-aċċettazzjoni tal-applikazzjonijiet sottomessi.**

Applikanti li rċevew offerta ta' għotja, wara li applikaw b'suċċess f'Sejħiet oħra taħt din l-Iskema, huma eliġibbli biex japplikaw għall-fondi f'din is-Sejħa.

Din is-Sejħa tista' tiġġedded, tiġi modifikata, magħluqa jew termintata, inkluż għal raġunijiet ta' abbonament żejjed, permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern kif meqjus meħtieġ mill-Aġenzija.

L-Aġenzija għandha d-dritt li tagħmel kwalunkwe emenda għal din l-Iskema permezz ta' Avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern li jkun fih tali emendi.

Skeda I

Regoli applikabbli għal din is-Sejħa jinstabu fuq is-sit tal-EWA: (https://energywateragency.gov.mt/voluntary-organisations-scheme/)

Skeda II

Is-Sistema ta' Applikazzjonijiet Online hija aċċessibbli fuq is-sit tal-EWA: (https://energywateragency.gov.mt/voluntary-organisations-scheme/)

Id-29 ta' Mejju, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 131**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Hal Ghaxaq**

Mis-7.00 a.m. tal-Ħamis, 28 ta' Mejju, 2026 sas-7.00 a.m. tas-Sibt, 30 ta' Mejju, 2026, minn Triq il-Gardell, Triq il-Gudja u Misraħ San Filippu.

Mill-4.00 p.m. tal-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2026 sa nofsillejl tas-Sibt, 30 ta' Mejju, 2026, minn Triq Santa Marija, Triq

**The online application system shall generate an automated list of submissions and shall not accept further application submissions once the funds available for this Call have been provisionally allocated, subject to review and acceptance of submitted applications.**

Applicants that have received a grant offer as a result of a successful application in any previous call under this Scheme, are eligible to apply for funding in this call.

The Call may be renewed, modified, closed or terminated, including for reasons of oversubscription, by means of a Notice in the Government Gazette as deemed necessary by the Agency.

The Agency shall have the right to make any amendments to the Scheme by means of a Notice published in the Government Gazette containing such amendments.

Schedule I

Scheme Rules applicable to this Call available on EWA website: (https://energywateragency.gov.mt/voluntary-organisations-scheme/)

Schedule II

Online Application System available on EWA website: (https://energywateragency.gov.mt/voluntary-organisations-scheme/)

29th May, 2026

POLICE NOTICE

**No. 131**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

**Hal Ghaxaq**

From 7.00 a.m. of Thursday, 28th May, 2026 to 7.00 a.m. of Saturday, 30th May, 2026, through Triq il-Gardell, Triq il-Gudja and Misraħ San Filippu.

From 4.00 p.m. of Friday, 29th May, 2026 to midnight of Saturday, 30th May, 2026, through Triq Santa Marija, Triq

San Filippu, Triq Dun Mattew Sciriha, Triq Tal-Ġewwinija, Dawret Ħal Għaxaq, Vjal il-Labour, Triq il-Ġebelin, Pjazza Santa Marija, Misraħ Santu Rokku, Triq il-Gudja u Triq il-Gardell.

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Mejju, 2026, mill-10.00 a.m. sal-11.59 p.m., minn Triq Santa Marija minn Misraħ Santu Rokku sa kantuniera ma' Triq Santa Tereża.

Nhar it-Tnejn, 1 ta' Ġunju, 2026, mit-3.30 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq il-Knisja, Misraħ San Ġorġ, Triq San Filippu, Triq Santu Rokku, Vjal il-Labour, Triq il-Ġebelin, Pjazza Santa Marija, Triq Santa Marija (entratura minn Pjazza Santu Rokku) u Triq Marjanu Gerada (aċċess għall-pjazza).

Mill-5.00 p.m. tat-Tlieta, 2 ta' Ġunju, 2026 sas-1.00 a.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Ġunju, 2026, minn Pjazza Santa Marija, Triq Santa Marija (entratura minn Pjazza Santu Rokku), Vjal il-Labour u Triq G. M. Farrugia.

Mis-7.00 a.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Ġunju, 2026 sal-4.00 p.m. tat-Tnejn, 8 ta' Ġunju, 2026, minn Triq iċ-Ċimiterju sa Trejqet Santu Kristu.

Mill-4.45 p.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Ġunju, 2026 sal-00.45 a.m. tal-Ħamis, 4 ta' Ġunju, 2026, minn Pjazza Santa Marija, Triq San Filippu, Triq Tas-Salib, Triq l-Ewwel ta' Jannar 1626, Triq il-Gudja, Triq Dun Marċell Mallia, Triq il-Ħatem, Triq iċ-Ċeppun, Triq San Ġorġ, Triq il-Knisja, Triq il-Barbazzal, Vjal il-Labour, Dawret Ħal Għaxaq, Triq il-Bizzilla, Triq Santa Marija u Triq G. M. Farrugia.

Mill-4.45 p.m. tal-Ħamis, 4 ta' Ġunju, 2026 sal-00.45 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2026, minn Triq il-Fejġel, Triq il-Millieri, Triq iċ-Ċombini, Triq San Filippu, Triq Santa Marija, Vjal il-Labour, Triq il-Bizzilla, Pjazza Santa Marija u Triq G. M. Farrugia.

Mill-4.45 p.m. tal-Ħamis, 4 ta' Ġunju, 2026 sas-2.00 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2026, minn Triq Santa Marija, Misraħ San Filippu, Triq il-Ġistakor, Triq il-Milwa, Triq il-Ġarakol, Triq G. M. Farrugia, Triq Ġammarì Dalli, Triq Birżebbuġa, Triq Manwel Dimech, Triq iż-Żejtun, Pjazza Santa Marija u Vjal il-Labour.

Mill-5.00 p.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2026 sas-2.00 a.m. tas-Sibt, 6 ta' Ġunju, 2026, minn Pjazza Santa Marija, Misraħ San Ġorġ, Triq il-Knisja, Vjal il-Labour, Dawret Ħal Għaxaq, Triq Santa Tereża, Triq Santa Marija u Triq G. M. Farrugia.

Mis-6.00 a.m. tas-Sibt, 6 ta' Ġunju, 2026 sa nofsillejl tal-Ħadd, 7 ta' Ġunju, 2026, minn Pjazza Santa Marija, Triq Santa Marija, Misraħ Santu Rokku, Triq il-Belt Valletta u Triq San Filippu.

San Filippu, Triq Dun Mattew Sciriha, Triq Tal-Ġewwinija, Dawret Ħal Għaxaq, Vjal il-Labour, Triq il-Ġebelin, Pjazza Santa Marija, Misraħ Santu Rokku, Triq il-Gudja and Triq il-Gardell.

On Sunday, 31st May, 2026, from 10.00 a.m. to 11.59 p.m., through Triq Santa Marija from Misraħ Santu Rokku to corner with Triq Santa Tereża.

On Monday, 1st June, 2026, from 3.30 p.m. to 11.30 p.m., through Triq il-Knisja, Misraħ San Ġorġ, Triq San Filippu, Triq Santu Rokku, Vjal il-Labour, Triq il-Ġebelin, Pjazza Santa Marija, Triq Santa Marija (entrance through Pjazza Santu Rokku) and Triq Marjanu Gerada (access to the square).

From 5.00 p.m. of Tuesday, 2nd June, 2026 to 1.00 a.m. of Wednesday, 3rd June, 2026, through Pjazza Santa Marija, Triq Santa Marija (entrance through Pjazza Santu Rokku), Vjal il-Labour and Triq G. M. Farrugia.

From 7.00 a.m. of Wednesday, 3rd June, 2026 to 4.00 p.m. of Monday, 8th June, 2026, through Triq iċ-Ċimiterju up to Trejqet Santu Kristu.

From 4.45 p.m. of Wednesday, 3rd June, 2026 to 00.45 a.m. of Thursday, 4th June, 2026, through Pjazza Santa Marija, Triq San Filippu, Triq Tas-Salib, Triq l-Ewwel ta' Jannar 1626, Triq il-Gudja, Triq Dun Marċell Mallia, Triq il-Ħatem, Triq iċ-Ċeppun, Triq San Ġorġ, Triq il-Knisja, Triq il-Barbazzal, Vjal il-Labour, Dawret Ħal Għaxaq, Triq il-Bizzilla, Triq Santa Marija and Triq G. M. Farrugia.

From 4.45 p.m. of Thursday, 4th June, 2026 to 00.45 a.m. of Friday, 5th June, 2026, through Triq il-Fejġel, Triq il-Millieri, Triq iċ-Ċombini, Triq San Filippu, Triq Santa Marija, Vjal il-Labour, Triq il-Bizzilla, Pjazza Santa Marija and Triq G. M. Farrugia.

From 4.45 p.m. of Thursday, 4th June, 2026 to 2.00 a.m. of Friday, 5th June, 2026, through Triq Santa Marija, Misraħ San Filippu, Triq il-Ġistakor, Triq il-Milwa, Triq il-Ġarakol, Triq G. M. Farrugia, Triq Ġammarì Dalli, Triq Birżebbuġa, Triq Manwel Dimech, Triq iż-Żejtun, Pjazza Santa Marija and Vjal il-Labour.

From 5.00 p.m. of Friday, 5th June, 2026 to 2.00 a.m. of Saturday, 6th June, 2026, through Pjazza Santa Marija, Misraħ San Ġorġ, Triq il-Knisja, Vjal il-Labour, Dawret Ħal Għaxaq, Triq Santa Tereża, Triq Santa Marija and Triq G. M. Farrugia.

From 6.00 a.m. of Saturday, 6th June, 2026 to midnight of Sunday, 7th June, 2026, through Pjazza Santa Marija, Triq Santa Marija, Misraħ Santu Rokku, Triq il-Belt Valletta and Triq San Filippu.

Mill-4.00 p.m. tas-Sibt, 6 ta' Ġunju, 2026 sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 7 ta' Ġunju, 2026, minn Triq Dun Ġużepp Demicoli kantuniera ma' Triq is-Salib u Triq il-Ġistakor.

Mis-6.00 a.m. tal-Ħadd, 7 ta' Ġunju, 2026 sas-2.00 a.m. tat-Tnejn, 8 ta' Ġunju, 2026, minn Triq Santa Marija, Triq San Filippu, Triq il-Knisja, Vjal il-Labour, Triq il-Miksur, Triq Ġużepp Barbara, Triq Tal-Qattus, Triq il-Ħareb, Triq Santa Tereża, Pjazza Santa Marija, Triq G. M. Farrugia, Triq iż-Żejtun, Triq Santa Marija minn kantuniera ma' Triq Santa Tereża sa Pjazza Santa Marija, Misraħ San Ġorġ, Triq Marjanu Gerada, Misraħ Santu Rokku, Triq San Pawl, Triq Dun Mattew Sciriha u Misraħ San Filippu.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Birkirkara**

Nhar is-Sibt, 30 ta' Mejju, 2026, mill-5.00 a.m. sal-11.59 p.m., minn Triq B. Bontadini, Triq P. P. Castagna, Triq il-Bwieraq, Triq Brared, Triq Mike Pulis u Triq G. Grech Delicata.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

**Ħal Lija**

Nhar is-Sibt, 30 ta' Mejju, 2026, mill-5.00 a.m. sal-11.59 p.m., minn Triq Robert Mifsud Bonnici.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

**Ħ'Attard**

Nhar is-Sibt, 30 ta' Mejju, 2026, mill-5.00 a.m. sal-11.59 p.m., minn Triq Ħal Warda.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

**Iż-Żurrieq**

Nhar is-Sibt, 30 ta' Mejju, 2026, mill-10.00 a.m. sas-6.00 p.m., minn Triq San Luqa, Triq il-Kbira, Misraħ ir-Repubblika, Triq Ġużeppi Mattew Callus, Triq Don Carlo De Giovanni Inglott u Triq San Mikiel;

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Mejju, 2026, mit-8.00 a.m. sal-11.00 a.m., minn Triq San Luqa, Triq il-Kbira, Misraħ ir-Repubblika, Triq Ġużeppi Mattew Callus, Triq Don Carlo De Giovanni Inglott u Triq San Mikiel.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Il-Ħamrun/Tal-Pietà**

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Mejju, 2026, mill-5.00 a.m. sal-11.30 p.m., minn Triq Mile-End u Triq Pietru Xuereb.

From 4.00 p.m. of Saturday, 6th June, 2026 to 2.00 a.m. of Sunday, 7th June, 2026, through Triq Dun Ġużepp Demicoli corner with Triq is-Salib and Triq il-Ġistakor.

From 6.00 a.m. of Sunday, 7th June, 2026 to 2.00 a.m. of Monday, 8th June, 2026, through Triq Santa Marija, Triq San Filippu, Triq il-Knisja, Vjal il-Labour, Triq il-Miksur, Triq Ġużepp Barbara, Triq Tal-Qattus, Triq il-Ħareb, Triq Santa Tereża, Pjazza Santa Marija, Triq G. M. Farrugia, Triq iż-Żejtun, Triq Santa Marija from corner with Triq Santa Tereża to Pjazza Santa Marija, Misraħ San Ġorġ, Triq Marjanu Gerada, Misraħ Santu Rokku, Triq San Pawl, Triq Dun Mattew Sciriha and Misraħ San Filippu.

Public transport will be affected.

**Birkirkara**

On Saturday, 30th May, 2026, from 5.00 a.m. to 11.59 p.m., through Triq B. Bontadini, Triq P. P. Castagna, Triq il-Bwieraq, Triq Brared, Triq Mike Pulis and Triq G. Grech Delicata.

Public transport may be affected.

**Ħal Lija**

On Saturday, 30th May, 2026, from 5.00 a.m. to 11.59 p.m., through Triq Robert Mifsud Bonnici.

Public transport may be affected.

**Ħ'Attard**

On Saturday, 30th May, 2026, from 5.00 a.m. to 11.59 p.m., through Triq Ħal Warda.

Public transport may be affected.

**Żurrieq**

On Saturday, 30th May, 2026, from 10.00 a.m. to 6.00 p.m., through Triq San Luqa, Triq il-Kbira, Misraħ ir-Repubblika, Triq Ġużeppi Mattew Callus, Triq Don Carlo De Giovanni Inglott and Triq San Mikiel;

On Sunday, 31st May, 2026, from 8.00 a.m. to 11.00 a.m., through Triq San Luqa, Triq il-Kbira, Misraħ ir-Repubblika, Triq Ġużeppi Mattew Callus, Triq Don Carlo De Giovanni Inglott and Triq San Mikiel.

Public transport will be affected.

**Ħamrun/Tal-Pietà**

On Sunday, 31st May, 2026, from 5.00 a.m. to 11.30 p.m., through Triq Mile-End and Triq Pietru Xuereb.

Aċċess minn Triq Joe Sciberras fil-Ħamrun u Triq San Ġorġ Preca u Sqaq il-Kubrit f'Tal-Pietà għal Triq Mountbatten f'Tal-Pietà se jkun projbit.

Aċċess minn Triq Herbert Ganado u Triq K. Darmanin f'Tal-Pietà se jkun projbit ukoll.

Hemm bżonn ta' clearance.

**Ħal Tarxien**

Mit-8.00 a.m. tat-Tnejn, l-1 ta' Ġunju, 2026 sat-3.00 a.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Ġunju, 2026, hemm bżonn ta' clearance fi Triq Santa Marija u Triq Paola.

Mis-2.00 p.m. tat-Tnejn, l-1 ta' Ġunju, 2026 sat-3.00 a.m. tal-Tlieta, 2 ta' Ġunju, 2026, minn Misraħ is-Suq u Triq Paola kantuniera ma' Triq Xintill.

Mill-4.00 p.m. tat-Tlieta, 2 ta' Ġunju, 2026 sat-3.00 a.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Ġunju, 2026, hemm bżonn ta' clearance fi Triq Paola u Misraħ is-Suq.

Mill-10.00 a.m. tat-Tlieta, 2 ta' Ġunju, 2026 sat-3.00 a.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Ġunju, 2026, minn Triq Paola.

Mis-6.00 a.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Ġunju, 2026 sa nofsinhar tal-Ħadd, 7 ta' Ġunju, 2026, hemm bżonn ta' clearance u għeluq fi Triq il-Palma.

Mill-4.00 p.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Ġunju, 2026 sat-3.00 a.m. tal-Ħamis, 4 ta' Ġunju, 2026, hemm bżonn ta' clearance u għeluq f'Misraħ is-Suq.

Mid-9.00 a.m. tal-Ħamis, 4 ta' Ġunju, 2026 sat-3.00 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2026, hemm bżonn ta' clearance f'Misraħ is-Suq u Triq Paola.

Mid-9.00 a.m. tal-Ħamis, 4 ta' Ġunju, 2026 sat-3.00 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2026, minn Triq il-Kbira, Misraħ is-Suq u Triq Paola.

Mid-9.00 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2026 sat-3.00 a.m. tas-Sibt, 6 ta' Ġunju, 2026, hemm bżonn ta' clearance f'Misraħ is-Suq, Triq Paola, Triq Santa Marija, Triq is-Sorijiet, Triq ir-Raħeb u Triq Sqajjaq.

Mid-9.00 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2026 sat-3.00 a.m. tas-Sibt, 6 ta' Ġunju, 2026, minn Triq il-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2026, mill-11.30 p.m. sal-11.59 p.m., minn Triq ir-Raħeb.

Mill-4.00 p.m. tas-Sibt, 6 ta' Ġunju, 2026 sat-3.00 a.m. tal-Ħadd, 7 ta' Ġunju, 2026, hemm bżonn ta' clearance u għeluq f'Misraħ is-Suq, Triq il-Kbira, Triq Santa Marija, Triq

Access from Triq Joe Sciberras in Ħamrun and Triq San Ġorġ Preca and Sqaq il-Kubrit in Tal-Pietà to Triq Mountbatten in Tal-Pietà will be prohibited.

Access to Triq Herbert Ganado and Triq K. Darmanin in Tal-Pietà will also be prohibited.

Clearance is required.

**Ħal Tarxien**

